MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-4 ta' April, 2011

Numru 530/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Yvonne Farrugia)**

**vs**

**JOHANN BONELLO**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Johann Bonello ta’ 25 sena, bin Joseph u Maria Dolores nee’ Trapani, imwieled Pieta’ fil-5 ta’ Mejju 1985, u li joqghod f’40E, Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar jew Blokk 3, Flat 4, Housing Estate, Floriana. Detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 249385M.

Billi gie akkuzat

1. talli f'April u Mejju 2008, f'dawn il-Gzejjer, bhala ufficcjal jew impjegat pubbliku illi, minhabba l-kariga jew l-impjieg tieghu hu fid-dmir li jaghmel jew jaghti dikjarazzjoni jew certifikat, ghamel jew ta dikjarazzjoni falza jew certifikat falz u dan rigward *logbook* ta' vettura *Chevrolet Captiva* bin-numru tax-chassis KL1CG26RJ8B210463;

2. u talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz.

3. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi bhala ufficcjal jew impjegat pubbliku b'abbuz ta' kariga jew impjieg tieghu, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat, kif stipulat fl-artikolu 189 tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok YF1 u nnutat li l-imputat Johann Bonello m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-ewwel akkuza u t-tieni akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-ewwel akkuza u t-tieni akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Yvonne Farrugia ghall-Prosekuzzjoni, b'referenza ghat-tielet akkuza migjuba kontra l-imputat, iddikjarat li din l-akkuza inghatat bhala akkuza alternattiva ghall-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputat u konsegwentement talbet li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija tielet akkuza migjuba kontra l-imputat. Inoltre l-istess Ufficjal Prosekutur, b'referenza ghat-talba tal-Prosekuzzjoni fit-Tahrika ghall-konfiska tal-oggetti kollha esebiti, iddikjarat li f'din il-kawza ma gewx esebiti oggetti soggetti ghall-konfiska u konsegwentement talbet li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija talba tal-Prosekuzzjoni. Inoltre l-istess Ufficjal Prosekutur iddikjarat li f'din il-kawza ma gewx inkorsi spejjez a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement talbet li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-Prosekuzzjoni fit-Tahrika maghmula a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Finalment l-Ufficjal Prosekutur iddikjarat li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 185 u 188 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Issib lill-imputat Johann Bonello, fuq ammissjoni, hati tal-ewwel akkuza u t-tieni akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi il-fedina penali netta tal-imputat u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjarat li l-imputat ikkopera mal-Pulizija tillibera lill-istess imputat Johann Bonello taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) millum.

Rigward it-tielet akkuza migjuba kontra l-imputat, fid-dawl ta' dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjfal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum b'referenza ghall-imsemmija tielet akkuza migjuba kontra l-imputat kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija tielet akkuza migjuba kontra l-imputat.

B’referenza ghat-talba tal-Prosekuzzjoni fit-Tahrika ghall-konfiska tal-oggetti kollha esebiti, fid-dawl ta’ dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum rigward din it-talba tal-Prosekuzzjoni fit-Tahrika kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija talba tal-Prosekuzzjoni.

Rigward it-talba tal-Prosekuzzjoni fit-Tahrika maghmula a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fid-dawl ta’ dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum rigward din it-talba tal-Prosekuzzjoni fit-Tahrika kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-Prosekuzzjoni fit-Tahrika maghmula a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Johann Bonello l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22 (3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------